MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 493/2002/1

**Il-Kummissarju tal-Pulizija.**

**-vs-**

**John Mary Camilleri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-30 t' April, 2002 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi permezz ta' decizjoni tat-13 ta' Novembru, 2001 it-Tribunal hall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji (sic)imwaqqf bl-Att VII tal-1997 iddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut

billi rrakkomanda illi "r-rikorrent jinghata rimedju kompensativ billi jinghaa il-kariga ta' Surgent b' effett mill-istess data li fiha saru l-ohrajn li attendew l-istess interview u jippogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dakinhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paa li sofra" u li l-ispejjez tal-kaz quddiem it-Tribunal jithallsu mill-esponent u dan kif jirrizulta minn kopja tad-decizjoni hawn annessa u markata "Dok A".

Illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija ultra vires il-poteri tieghu u inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal, ma segwietx il-proceduri rikjesti mil-Ligi u naqset li tiehu konsiderazzjoni ta' dak li kien rilevanti ghad-decizjoni filwaqt li hadet in konsiderazzjoni fatturi rrilevanti u hija irrazzjonali ghar-ragunijiet segwenti:

i. Illi d-decizjoni ma kienitx giustifikata mill-provi li kienu rrizultaw lit-Tribunal billi l-provi migjuba ma (sic)seghux logikament iwasslu ghall-konkluzzjoni illi kienet saret ingustizzja mal-konvenut u ghalhekk meta wasal ghall-imsemmija decizjoni li saret ingustizzja abbazi tal-provi migjuba quddiemu t-Tribunal naqas mill-obbligu tieghu li jagixxi ragjonevolment u li ma jesercitax il-poter tieghu b' mod arbitrarju jew sproprozjonat u illi jiddeciedi abbazi ta' dak li huwa rilevanti;

ii. Illi d-decizjoni marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal stante illi t-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti rimedju biss fejn jirrizulta li saet ingustizzja bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 fit-termini tal-Att VIII tal-1997 u jekk jikkundanna lill-intimat u jaghti rimedju fejn tali ingustizzja ma rrizultatx mill-provi t-Tribunal ikun qieghed jaghti decizjoni li huwa m' huwhiex kompetenti biex jaghti bhal ma gara f' dan il-kaz;

iii. Illi t-Tribunal naqas li jindaga jekk skond il-proceduri u regoli nterni tal-Korp tal-Pulizija dwar promozzjonijiet minn Kuntistabbli ghall-grad ta' Surgent kienx possibbli illi l-konvenut jinghata tali promozzjoni minghajr ma jaghmel l-ezamijiet u l-korsijiet illi normalment huma rikjesti. Illi d-decizjoni ghalhekk inghatat minghajr ma giet segwita l-procedura impcita fl-Artikolu 7 (9) (c) u (d) tal-Att VIII tal-1997. Skond is-subartikolu 7 (9) (c) r-rimedju rakkomandat mit-Tribunal handu jignhtata "b' gharfien tal-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet tal-Estacode li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni". Fid-decizjoni tieghu t-Tribunal la rrefea ghal ebda tali ligi jew regolament u ghall-kuntrarju ordna illi persuna tigi promossa ghall-grad ta' Surgent minghajr ma kienet ghamlet l-ezamijiet u l-korsijiet necessarji;

iv. Illi d-decizjoni impunjaa hija ukoll ultra vires il-poteri tat-Tribunal billi rrevediet il-marki moghtija lill-konvenut f' interview liema marki kienu jinghataw abbazi ta' gudizzju soggettiv tal-ezaminaturi u liema gudizzju kien jaqa' pjenament fil-gurisdizzjoni ta' dawk l-ezaminaturi u bhala gudizzju soggettiv, salv il-prova tal-mala fede li imkien ma ingiebet, ma kienx jippresta ruhhu ghal revizjoni.

v. Illi d-decizzjoni hija ukoll ultra vires il-poteri tat-Tribunal peress illi t-Tribunal iddecieda illi jirevedi diskrezjoni akkademika li ukoll mill-istess natura taghha ma tipprestax ruhha ghar-revizjoni salv il-prova tal-mala fede, u di piu hamel dan b' mod kapriccjuz u abbazi ta' kriterji irrazzjonali u irrilevanti specjalment meta zied il-marki tal-konvenut abbazi ta' marki ohra li giebu kandidati ohra fl-istess interview liema kandidati t-Tribunal qatt ma sema u qatt ma ezamina u meta t-Tribunal zied il-marki tal-konvenut abbazi tal-'average mark' tal-kandidati kollha.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investiazzjoni ta' Ingustizzji tat-13 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet "John Mary Camilleri –vs- Kummissarju tal-Pulizija" (Rikors 469/97 hija nulla ghax hija ultra vires il-poteri ta' l-imsemmi Tribunal ghar-ragunijiet premessi, u

2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizja John Rizzo mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-31 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jeccepixxi n-nullita' tal-azzjoni kif proposta stante illi hija nebuluza ghall-ahhar, u dan peress illi ma jirrizultax sodisfacentement jekk l-azzjoni odjerna hija wahda ta' *judicial review*, ritrattazzjoni jew wahda ta' appell u revizjoni minn decizjoni moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, f' liema kaz huma lkoll insostenibbli ghas-segwenti ragunijiet.

2. Illi talvolta l-azzjoni proposta hija wahda ta' *judicial review*, din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-istess attur qed isostni li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi, u dan jirikjedi evalwazzjoni mill-gdid tal-provi li ngabru mill-istess Tribunal, li sigurament ma hux kontemplat mill-Artikolu 469A *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi konsegwentement, l-esponent jeccepixxi n-nullita’ ta’ l-azzjoni odjerna stante illi l-procedura li qed tigi implimentata ma hix wahda kontemplata fil-Ligi, u dan peress illi ghar-ragunijiet imsemmija jidher illi r-rikorrenti qed jittanta johloq struttura ta’ appell jew revizjoni tad-decizjoni li nghatat mill-Onorabbli Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji permezz tas-sentenza 13 ta’ Novembru 2001.

4. Illi talvolta l-azzjoni proposta hija wahda ta’ ritrattazzjoni tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal, allura l-esponenti jecceppixxi n-nuqqas ta’ competenza *ratione materie* ta’ din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 741 (1) (b) *et seq. t*al-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante illi l-azzjoni ritrattandi kellha tigi riproposta fit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji.

5. Illi inoltre dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-succeppit, l-azzjoni ritratandi hija perenta peress illi ma gietx ipprezentata entro l-perjodu ta’ dekadenza preskritt mill-Artikolu 818 tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fil-mertu u minghajr pegudizzju ghas-suecceppit, l-azzjoni odjerna ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, l-Onorabbli Tribunal wasal ghall-konkluzzjoni illi fil-fatt kienet sehher ingustizzja fil-konfront tal-esponenti u qieset l-ilment tieghu bahal gustifikat.

7. Illi konsegwentement, is-sentenza mill-Onorabbli Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji fit-13 ta’ Novembru, 2001, timmerita illi tibqa’ fis-sehh.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u rat il-verbal tas-seduta ta' 2 ta' Frar 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher car mic-citazzjoni l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji moghtija fit-13 ta' Novembru 2001. Pemrezz ta' din is-sentenza l-attur f' din il-kawza gie ordnat illi jaghti l-promozzjoni ghall grad ta' Surgent lill-konvenut li kien naturalment rikorrent f' dawk il-proceduri.

Il-konvenut qed jistrieh fuq is-sentenza fl-ismijet *"Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Walter Tanti"* deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2001 illi skond l-istess konvenut tinkwadra ezatt fil-procedura in kwistjoni. Ghalkemm naturalment din il-Qorti mhijiex marbuta ma sentenzi anke jekk dwar sitwazzjonijiet simili, hu importanti li wiehed jara jekk dan hux il-kaz.

Fil-kawza imsemmija giet mitluba dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza li kienet ordnat l-ghoti ta' kumpens lill-konvenut minhabba transfer. Madankollu it-talbiet tal-istess Kumissarju tal-pulizija kienu simili hafna ghal dawk tal-kawza odjerna. Fil-fatt il-kawzali ta' dik il-kawza kienu li d-decizjoni tat-tribunal kienet ultra vires il-poteri tieghu, ma segwiex il-proceduri rikjesti mill-ligi u naqset li tiehu konsiderazzjoni fatturi irrilevanti.

F' din il-kawza il-kawzali huma ta' zewg tipi; tnejn minnhom jghidu bazikament li t-tribunal ma messux wasal ghad-decizjoni

li ha skond il-provi li kellhu quddiemu u ghaliex naqas li jindaga certu affarijiet bhall proceduri interni fil-korp; u t-tlieta l-ohra li d-decizjoni tat-tribunal kienu ultra vires il-poteri tal-istess Tribunal.

Ghandu jinghad mill-ewwel illi l-ewwel u t-tielet kawzali se jigu rigettati minn din il-Qorti ghaliex huma kawzali li messhom ingabu f' kawza ta' ritrattazzjoni u din il-kawza certament mhijiex ritrattazzjoni ghaliex anke l-procedura adottata tindika dan. Infatti fil-waqt li kawza ta' ritrattazzjoni ghandha tigi istitwita permezz ta' rikors, din il-kawza giet istitwita permezz ta' citazzjoni u kwindi anke jekk dan kien f' mohh l-attur il-procedura hija nulla. Oltre dan l-attur qed jitlob biss dikjarazzjoni ta' nullita' minghajr ma jitlob li l-kawza terga tinstema u anke fuq dan procedura ta' ritrattazjoni tigi dikjarata nulla (Ara decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"Maria Pisani vs Gaetano Fenech"*** 2002).

Oltre dan kif gie deciz anke minn din il-Qorti ricentement fil-kawza deciza fit-30 ta' Jannar 2004 fl-ismijiet ***"Parklane Limited vs Portelli"*** l-attur ma jistax jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' ta' kawza ohra u daqshekk.

Jibqa allura l-kwistjoni tat-tlett talbiet ohra li huma ibbazati fuq il-kwistjoni jekk l-attur ghandhux dritt jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' a bazi li d-decizjoni tat-tribunal kienet ultra vires il-poteri tieghu.

Kif gie deciz fil-kawza imsemmija ***"Kummissarju tal-Pulizija vs Tanti"***, din it-tip ta' kawza hija ammissibbli u ghalhekk wiehed irid jara jekk il-kawzali humiex prima facie ammissibbli.

It-tieni kawzali hija li li t-tribunal ta' rimedju ghal ingustizzja li ma irrizultatx mill-provi. Bir-rispett kollhu ghalkemm ic-citazzjoni tghid ; *illi d-decizjoni marret oltre l-kompetenza tat-*

*tribunal* fil-verita' anke din il-kawzali hija wahda li messha giet uzata f' kawza ta' ritrattazjoni ghaliex qed tintalab dikjarazzjoni li t-Tribunal ta' rimedju meta dan ma irrizultax mill-provi. Billi minn decizjonijiet tat-Tribunal ma hemmx appell ma jfissirx li wiehed ghandhu jivvinta procedura biex jappella taht veste ohra. Ghalhekk anke din il-kawzali hija fil-fehma tal-Qorti inammissibli.

Ir-raba kawzali hija li t-Tribunal dahal fil-mertu ta' interviews li kienu saru ghal promozzjoni ta' Surgent. L-attur qed isostni li t-Tribunal ma ghandhux din il-kompetenza. Fil-verita' ezami tal-provvediemnti tal-Att VIII tal-1997 jindika li t-Tribunal ghandhu kompetenza jiddecidi dwar promozzjonijiet fl-Artiklu 2 u kieku wiehed kellhu jeskludi promozzjoniet minghajr xi forma ta' ezami kien irendi l-operazzjoni tal-istess Att ghal kollox ineffikaci u minghajr sahha. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti it-Tribunal certament ghandhu kompetenza jiddecidi dwar il-korrettezza ta' esercizzju ta' promozzjoni permezz ta' interviews. Ghalhekk anke din ill-kawzali qed tigi respinta.

Dwar il-hames u l-ahhar kawzali wiehed jista jghid li din hija ripetizzjoni ta' partijiet mill-kawzalijiet precedenti ghaliex l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li t-Tribunal iddecida illi jirrevedi diskrezzjoni akkademika li ma tipprestax ruhha ghal revizjoni; fi kliem iehor hija ripetizzjoni tar-raba kawzali u ghalhekk qed tigi respinta.

Il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet li waslet ghalihom il-Qorti fis-sentenza ***"Kummissarju tal-Pulizija vs Walter Tanti"*** u mhiex se toqghod tirrepetihom a skans ta' ripetizzjoni.

Peress li l-Qorti waslet ghal dawn il-konkluzjonijet mhijex se tippronunzja ruhha dwar l-ewwel eccezzjoni stante li tali pronunzjament ikun superflwu.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa it-tieni u t-tielet eccezjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes jigu sopportati mill-istess attur.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------